MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 1159/1999/1

**Joseph u Helen konjugi Psaila**

**vs**

**Charles u Natalie konjugi Fenech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta’ Lulju ta’ l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u sebgha u tmenin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm387.85,0), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenuti fuq import ta’ xoghol ta’**

**hjata u xoghol iehor konness, liema xoghol sar u gie konsenjat mill-atturi fuq inkarigu taghhom;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-6 ta' Lulju 1999, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-24 ta' Settembru ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

**Illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi effettivament Helen Psaila:**

**a. Fl-ewwel lok ma kkonsenjatx il-materjal kollu illi kien mghoti lilha biex taghmel ix-xoghol mehtieg u b'dan il-mod bil-materjal li hu ta' certu valur arrikiet ruha minnu;**

**b. Illi x-xoghol ma sarx skond il-ftehim u skond l-arti u s-sengha;**

**Rat ir-rikors konjuntiv tal-partijiet datat l-4 t'April tas-sena 2001 li permezz tieghu huma infurmaw lil din il-qorti li kienu qed jaqblu dwar in-nomina ta' persuna minnhom identifikata biex tagixxi ta' espert tekniku biex tanalizza x-xogholijiet tal-hjata meritu ta' din il-procedura;**

**Rat id-digriet taghha datat il-5 t'April tas-sena 2001 li permezz tieghu laqghet it-talba tal-istess partijiet;**

**Rat ir-rapport a fol 44 ta' dan il-process datat l-4 ta' Frar tas-sena 2002;**

**Rat it-talba ta' l-atturi datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2002 biex l-espert tekniku jerga jzomm access fuq il-post fil-presenza ta' l-istess atturi;**

**Rat id-digriet taghha ta' l-istess data li permezz tieghu laqghet it-talba attrici;**

**Rat ir-rapport sussegwenti datat id-19 ta' Gunju tas-sena 2002;**

**Ezaminat ukoll id-dokumenti l-ohra kollha esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-konvenuti kienu nkarigaw lill-attrici Helen Psaila biex tghazlilhom id-drapp tal-purtieri li huma riedu jghamlu u thitilhom l-istess drapp hekk mixtri;**

**2. Illi f'Ottubru ta' l-1998 l-istess attrici kienet marret fir-residenza tal-konvenuti fejn kejlet biex tara l-kwantita' ta' drapp li kellha bzonn ghal dan ix-xoghol;**

**3. Illi x-xoghol ta' hjata involut kien is-segwenti:**

**i. Purtieri go:**

**a. tlett (3) kmamar tas-sodda;**
**b. kamra tal-banju;**
**c. kamra tax-"shower";**
**d. salott;**
**e. kcina;**
**f. kamra tal-pranzu;**
**g. "living room";**

**ii. Diversi pavaljuni;**
**iii. Zewg (2) bed-spreads;**
**iv. Zewg (2) "quilt-covers";**
**v. Loose cushions;**
**vi. Cushions tas-siggijiet;**

**4. Illi jirrizulta li l-kejl sar kollu fil-presenza tal-konvenuti;**

**5. Illi meta x-xogholijiet fuq riferiti eventwalment tlestew u l-atturi pprezentaw il-kont lill-konvenuti dawn irrifjutawh u ghalhekk kellha tigi ntavolata din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-konvenuti jsostnu s-segwenti:**

**1. Illi f'Ottubru ta' l-1998 il-konvenuti nkarigaw lill-attrici biex thitilhom il-purtieri tas-sular t'isfel tar-residenza taghhom;**

**2. Illi l-istess attrici effettwat il-kejl biex tara kemm kellha bzonn materjal li inxtara mill-"B4 Textiles" tal-Mosta;**

**3. Illi l-konvenuta ma tifhimx fil-hjata u halliet kollhox f'idejn l-attrici;**

**4. Illi l-konvenuta ssuspettat li l-attrici setghet xtrat kwantita' ta' drapp aktar milli kien hemm bzonn u l-affjatament li l-attrici kellha ma' "sales-girl" partikolari xejn ma ghogobha;**

**5. Illi fl-istess perjodu li l-attrici hietet il-purtieri tas-salott tal-konvenuti jirrizulta li hietet ukoll purtieri ghas-salott taghha stess bi drapp identiku ghal dak tal-konvenuti;**

**6. Illi b'hekk il-konvenuti dahlilhom is-suspett legittimu li l-attrici kienet qed tisfrutthom;**

**7. Illi x-xoghol finali ma kienx ghas-sodisfazzjon tal-konvenuti u ghalhekk qed jikkontestaw din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi mill-analizi ta' l-espert tekniku jirrizulta s-segwenti:**

**1. Illi l-attrici hija hajjata eccellenti, rakkomandabbli u ghamlet xoghol ta' livell gholi;**

**2. Illi pero' jirrizulta li l-attrici effettivament ghamlet xi kalkoli hziena li allura jirrizultaw li huma ta' detriment ghall-konvenuti;**

**3. Illi d-differenza bejn il-partijiet giet kwantifikata mill-espert tekniku fl-ammont ta' seba' u disghin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu, (Lm97.98,0);**

**Illi filwaqt li din il-qorti tiddikjara li m'ghandiex x'tirrinprovera lill-espert tekniku stante li n-nuqqas procedurali tieghu li jaffettwa l-analizi rikjest li ma kienx sar fil-presenza tal-partijiet involuti, giet effettivament risanat billi sussegwentement gie effettwat dan l-analizi skond il-ligi;**

**Illi in oltre, tiddikjara li qed taqbel mal-konkluzjonijiet ta' l-espert tekniku;**

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti tiddikjara li qed taqbel in parte mat-talba kontenuta fl-avviz odjern izda, in vista tal-konkluzjoni peritali fuq riferita tikkundanna lill-konvenuti Charles u Nathalie konjugi Fenech ihallsu lill-atturi Joseph u Helen konjugi Psaila l-ammont ta' mitejn u disa' u tmenin Lira Maltin u seba' u tmenin centezmu, (Lm289.87,0) bl-ispejjez jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet stante li l-konvenuti jirrizulta li kellhom ilment legittimu fil-konfront tal-atturi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**